**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Kurt Coleiro**

**Kumpilazzjoni 475/2019**

**Illum, l-01 ta' Lulju 2020**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Kurt Coleiro**, detentur tal-karta ta' l-identita' 425289M;
>
> Billi inti akkuzat talli nhar it-30 ta' Gunju, 2019, ghall-habta tal-4:15 ta' filghodu gewwa Ta' Qali fil-limiti ta' H' Attard:-

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Samuel George Cassar, u dan wara li hebbejt fizikament ghalih u kkagunajtlu griehi ta' natura gravi hekk skond ma gie ccertifikat minn Dr Louise Gatt M.D. (Reg No 2189), mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' William Ancilleri, u dan wara li hebbejt fizikament ghalih u kkagunajtlu griehi ta' natura hafifa hekk skond ma gie ccertifikat minn Dr Louise Gatt M.D. (Reg No 2189) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ksirt il-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju w glied;

F'kaz ta' htija, il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Samuel George Cassar u William Ancilleri ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat ir-rikors kongunt ta' l-Avukat Generali u ta' l-akkuzat tad-09 ta' Jannar 2020 a folio 61 tal-process.

Semghet lill-akkuzat jirregistra ammissjoni fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2020.

Rat il-verbal ta' l-istess seduta.

Semghet lill-imputat jerga' jikkonferma l-ammissjoni tieghu fis-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-imputat kien iddikjara ruhu mhux hati izda fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2020, l-imputat irregista ammissjoni.

Illi l-Qorti taghtu d-debita twissija u wara li l-Qorti ssospendiet is-smiegh tal-kawza u tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex l-imputat jerga' jikkonsulta ma' l-avukat difensur tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Illi konsegwentament, fuq ammissjoni, din il-Qorti ma tistax hlief tiddikjara l-akkuzi kontra l-imputat pruvati u ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih.

**Decide**:

Illi wara li rat l-atti kollha tal-kaz, il-Qorti qeghda (1) bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn

mid-data ta’ din is-sentenza u (2) tohrog Ordni ta’ Protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta a favur tal-vittmi Samuel George Cassar u William Ancilleri, ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti spjegat din is-sentenza fi kliem car lill-imputat u l-obbligazzjonijiet tieghi skont din is-sentenza u x’jigri jekk huwa ma jonorax l-obbligi tieghu taht din is-sentenza.

Moqrija.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur